MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

**ONOR. IMHALLEF**
**RAYMOND C. PACE**

Seduta tas-26 ta' Novembru, 2003

Citazzjoni Numru. 1287/2002

**Rose Mary Clasby**

**vs**

**Dr. Renzo Porsella Flores u l-Prokuratur Legali Louisa Tufigno li b'digriet tat-3 ta' Dicembru 2002 gew appuntati bhala Kuraturi Deputati biex jirrapprezentaw lill-assenti William Patrick Clasby u b'digriet tas-7 ta' Frar 2003, l-istess Kuraturi Deputati gew estromessi mill-atti tal-kawza u minflokhom gie reintegrat Dr. Tonio Azzopardi u l-Prokuratur Legali Juliana Scerri Ferrante sabiex jirraprezentaw lill-istess assenti konvenut William Patrick Clasby.**

**Il-Qorti,**

## I. PRELIMINARI.

Illi l-kontendenti zzewgu fit-22 ta' Settembru 1998 fir-Register Office tad-distrett ta' Colchester fil-kontea ta'

Essex tar-Renju Unit, kif jirrizulta mill-anness certifikat taz-zwieg immarkat Dok. “A”;

Illi dan iz-zwieg bejn il-kontendenti huwa null billi l-kunsens tal-konvenut kien vizzjat b’difett serju ta’ diskrezzjoni ta’ gudizzju fuq il-hajja mizzewga jew fuq id-drittijiet u d-dmirijiet essenzjali taghha, u/jew bl-eskluzjoni pozittiva taz-zwieg innifsu jew ta’ xi wiehed jew aktar mill-elementi essenzjali tal-hajja mizzewga, u/jew ghaliex il-konvenut kien impotenti qabel iz-zwieg, kif kontemplat fl-**artikolu 19 tal-Kapitolu 255 tal-Ligijiet ta’ Malta**, jew minhabba nuqqas ta’ kapacita` skond il-ligi tal-pajjiz tad-domicilju tal-konvenut kif kontemplat fl-**artikolu 6 tal-Kapitolu 255 tal-Ligijiet ta’ Malta**, u/jew/ ghaliex il-kunsens ta’ l-attrici nkiseb bi vjolenza jew biza`, u/jew b’qerq, u/jew bl-eskluzjoni pozittiva taz-zwieg innifsu jew ta’ xi wiehed jew aktar mill-elementi essenzjali tal-hajja mizzewga, kif kontemplat fl-**artikolu 19 tal-Kapitolu 255 tal-Ligijiet ta’ Malta.**

Illi ghalhekk talbet l-istess attrici lil din l-Onorabbli Qorti sabiex:-

(1) Tiddikjara u tiddeciedi illi z-zwieg kuntrattat bejn il-kontendenti fit-22 ta’ Settembru 1998 huwa null u bla effett legali;

(2) Konsegwentement tordna li din in-nullita` tinghata effett ghall-finijiet kollha tal-ligi f’Malta.

Bl-ispejjez kontra l-konvenut li minn issa huwa ngunt ghas- subizzjoni.

Rat id-dikjarazzjoni attrici a fol. 5 tal-process;

Rat il-lista tax-xhieda li ghamel l-attur u l-lista tad-dokumenti esebiti (a fol. 6).

Rat ir-rikors ta’ l-attrici tat-13 ta’ Novembru 2002 fejn talbet li jigu nominati Kuraturi Deputati biex jirrapprezentaw lill-assenti William Patrick Clasby.

Rat id-digriet tat-3 ta’ Dicembru 2002 fejn gew nominati Dr. Renzo Porsella Flores u l-Prokuratur Legali Louisa Tufigno bhala Kuraturi Deputati;

Rat ir-rikors tad-9 ta’ Dicembru 2002 ta’ Dr. Tonio Azzopardi u l-Prokuratur Legali Juliana Scerri Ferrante;

Rat id-digriet tas-7 ta’ Frar 2003 fejn gew reintegrati Dr. Tonio Azzopardi u l-Prokuratur Legali Juliana Scerri Ferrante bhala Kuraturi Deputati;

Rat in-nota ta’ l-eccezzjonijiet tal-Kuraturi Deputati tal-11 ta’ Marzu 2003 fejn gie eccepit:-

(1) Illi huma ma jafu xejn dwar il-fatti tal-kawza u ghalhekk jirrizervaw id-dritt li jressqu l-eccezzjonijiet taghhom aktar ‘il quddiem.

Rat id-dikjarazzjoni tal-Kuraturi Deputati u l-lista tax-xhieda (a fol. 31);

Rat il-verbal tad-9 ta’ April 2003 fejn gie nominat Dr. Paul Farrugia bhala Assistent Gudizzjarju;

Rat in-nota ta’ l-attrici tad-9 ta’ April 2003 fejn permezz taghha pprezentat l-affidavit taghha stess;

Rat is-seduta mizmuma mill-Assistent Gudizzjarju;

Rat il-verbal ta’ l-1 ta’ Ottubru 2003 fejn il-kawza giet differita ghas-sentenza ghas-26 ta’ Novembru 2003.

Rat id-dokumenti esebiti.

Rat l-atti kollha l-ohra tal-kawza.

## II. KONSIDERAZZJONIJIET.

### i) PROVI PRODOTTI.

Illi l-**attrici** fl-affidavit taghha tghid:-

*“Illi l-mama tieghi mietet fl-1981 meta jiena kelli 22 sena u jiena bqajt id-dar niehu hsieb lil missieri. Xi ftit snin wara missieri beda` jiffrekwenta mara ohra u kien qalli li u kien ser jerga’ jizzewweg. Jiena ma kontx immur tajjeb ma’ din il-mara u hi kienet taghmilli hajti difficli u dwar dan kien ikolli hafna argumenti ma’ missieri. Kien ghalhekk illi jiena ddecidejt li nitlaq mid-dar u mmur noqghod go post li kellna bhala villeggjatura f’Bugibba. Ix-xoghol tieghi kien ukoll Bugibba, fil-Bugibba Holiday Complex.*

*Illi ftit xhur wara li bdejt nghix f’Bugibba ltqajt mal-konvenut William Patrick Clasby (maghruf bhala Lee Clasby) f’Malta ghall-habta ta’ Frar 1987 gewwa l-Bugibba Holiday Complex fejn kien gie jaghti xi training fuq it-timeshare. Dak iz-zmien kelli 27 sena. Il-konvenut kien jahdem fl-industrija tat-timeshare.*

*Illi l-konvenut gab ruhu tajjeb hafna mieghi u bi hlewwa u jiena li kont ghadni kif tlaqt mid-dar kont qed inhossni wahdi u l-kumpanija tal-konvenut ghogbitni.*

*Illi f’Novembru ta’ l-1987, fuq stedina tal-konvenut, jiena tlajt l-Ingilterra. Jiena xtaqt nibqa nghix Malta izda mort l-Ingilterra biex nara jekk ir-relazzjoni mal-konvenut tirnexxix ghaliex hu kien jahdem hemm.*

*Illi l-konvenut kien jghix gewwa one bedroom flat li kien kera u jiena kont nghix mieghu. Fil-weekend kien jigu wkoll it-tlett itfal tieghu ghaliex hu kien ghaddej minn proceduri ta’ divorzju minn ma’ l-ewwel mara tieghu.*

*Illi jiena kont nghin lill-konvenut fil-paperwork ta’ l-ufficcju tieghu. Jiena kont l-Ingilterra b’tourist visa. Il-konvenut kien isiefer fuq xoghol f’pajjizi ohra bhal Spanja u l-Portugall, u jiena kont immur mieghu.*

*Illi waqt il-proceduri tad-divorzju li kien ghaddej minnhom il-konvenut, il-mara tieghu kienet thalli t-tfal taghha fil-weekend mal-konvenut u kont niehu hsiebhom jiena. Meta l-konvenut ottjena d-divorzju, l-ex-mara tieghu ppretendiet illi jiena nkompli niehu hsieb it-tfal izda jiena ma accettajtx.*

*Ghalhekk hi bdiet theddidni li jiena kont l-Ingilterra minghajr permess u li kont ser nitkecca.*

*Illi kien proprju f'dak iz-zmien li l-konvenut ippropona li nizzewwgu, bl-iskop principali illi jiena ma nigix deportata. Fil-fatt skond ir-regoli ta' l-Ingilterra jiena ma stajtx noqghod hemmhekk izjed minn sena, u s-sena kienet fil-fatt ser tiskadi. Jiena ma ridtx nizzewweg izda l-konvenut qabad u pprepara l-karti kollha u bbukkja l-gurnata taz-zwieg u qalli li tlett ijiem ohra ser nizzewwgu.*

*Illi l-konvenut kien sfurzani hafna illi nizzewwgu ghaliex hu tip ta' bniedem illi ma jafx jghix wahdu. Jiena nemmen li l-konvenut ried jizzewweg semplicement biex izommni mieghu biex niehu hsiebu u niehu hsieb it-tfal li kellu mill-ewwel zwieg u nghinu fix-xoghol tieghu. Dak iz-zmien jiena ma stajtx nerga lura Malta minhabba ragunijiet finanzjarji u inoltre ma kellix fejn immur noqghod ghaliex missieri kien qed jipprepara biex jerga' jizzewweg.*

*Illi nixtieq nghid illi qabel jiena ltqajt mal-konvenut, hu kien qalli li kien ghamel operazzjoni ta' sterilizazzjoni u ghalhekk hu ma setax ikollu tfal. Il-konvenut kien sterilizza lilu nnifsu ghaliex ma riedx li jkollu tfal. Jiena ghalhekk mill-ewwel kont tal-fehma li z-zwieg taghna ma kienx normali ghaliex ma setax ikollna tfal. Izda mit-theddida ta' deportazzjoni li kelli u minhabba li ma stajtx nigi lura Malta, jiena ma kellix alternattiva hlief li nizzewweg. Izda ghalija dan ma kienx zwieg kif nifhmu jiena izda mezz biss kif f'dak il-mument inkompli nghix l-Ingilterra biex insolvi l-problemi finanzjarji u xi darba nirritorna Malta kif dejjem xtaqt.*

*Illi nixtieq nghid ukoll li minkejja li fis-sentenza ta' divorzju minn ma' l-ewwel mara tieghu l-konvenut kien obbligat li jaghti manteniment lill-ex-mara tieghu hu qatt ma hallasha xejn. In-nuqqas ta' responsabbilita tal-konvenut in generali u specjalment fejn jidhlu affanijiet finanzjarji kompliet tkun evidenti matul iz-zmien kollu li ghamilna flimkien.*

*Illi ahna zzewwigna fit-22 ta'Settembru 1988 gewwa r-Registru Civili ta' Colchester. Wara li zzewwigna*

*komplejna nghixu gewwa l-flat li l-konvenut kellu mikri gewwa Colchester. Jiena komplejt nghin lill-konvenut fix-xoghol tieghu u ma kontx niehu paga.*

*Illi f'dak iz-zmien il-kumpanija tal-konvenut bdiet sejra hazin u anke hu kien jiehu paga mill-anqas. Eventwalment il-kumpanija ghalqet u l-konvenut impjega ruhu band'ohra.*

*Illi ahna xtaqna li mmornu nghixu Malta izda l-problemi finanzjarji li konna fihom ma kienux jippermettulna naghmlu dan. Inoltre l-konvenut kien ghaddej minn proceduri kriminali bl-akkuza ta' frodi in konnessjoni mal-falliment tal-kumpanija tieghu.*

*Illi l-konvenut, kif inhi t-tradizzjoni Ingliza, kien kuljum imur il-pub ghal xi siegha, izda bil-mod il-mod il-hin fil-pub beda` jitwal u beda` jixrob hafna. Meta kien idum il-pub kien igibli l-iskuza li kien qed jiddiskuti xi negozju izda jiena bdejt ninduna li kien qed jigi lura d-dar xurban. Hu kien iberbaq hafna flus fix-xorb.*

*Illi f'dik is-sitwazzjoni jiena kont bdejt nikkunsidra serjament li nitilqu. Jiena bdejt ukoll niddejjaq nghix fl-Ingilterra u x-xewqa li dejjem kelli li nirritorna Malta ssahhet aktar. Jiena ghidt lill-konvenut li xtaqt nirritorna Malta kif konna ftehmna originarjament u hu kien qal li ma setax jigi mill-ewwel. Fil-fatt fl-ahhar ta' Frar 1991 gejt lura Malta u l-konvenut gie Malta madwar sitt xhur wara. Jiena hallejt xi affarijiet l-Ingilterra.*

*Illi meta rritornajt Malta krejt dar l-Imsida. Meta wasal il-konvenut jiena bdejt nirsistilu biex isib xoghol izda hu kien jinsisti li ma setax jahdem. Fil-fatt hu ma riedx jahdem hu kien jaghmel apposta biex ma jintghazilx fl-interviews u anke jgib l-iskuza li l-pagi ta' Malta kienu baxxi wisq u hu ma riedx li jkun impjegat. Minflok kien joqghod id-dan ipejjep u jixrob il-birra. Hu intelaq kompletament u sar persuna alkoholizzata tant li lanqas kien jinhasel.*
~
*Illi ghall-habta ta' Jannar 1993 kont naf li l-lukanda Wignacourt li qeghda l-Imriehel kienet ghall-kiri u ftehmt mal-konvenut li nikruha ahna, nirrangawha u mmexxuha.*

*Hu qabel mieghi izda ftit ghamel xoghol u spiccajt immexxi kollox jien. Ahna ftahna l-Hotel f'Gunju 1993 u minn dak iz-zmien il-konvenut lanqas baqa' jirritorna d-dar, l-Imsida u kien jorqod fil-Hotel. Hu kien baqa' jixrob hafna u l-hajja taz-zwieg taghna kienet ilha li spiccat.*

*Illi fil-5 ta' Ottubru 1993 jiena kont iffurmajt kumpanija jisimha Roby Productions Limited (Numru ta' Registrazzjoni C15458) li jiena kont ix-shareholder taghha u jiena u l-konvenut konna Diretturi. Din il-kumpanija saret biex permezz taghha niggestixxu l-Wignacourt Hotel.*

*Illi l-karattru tal-konvenut huwa difficli hafna. Kull meta konna nohorgu kien jispicca bi glieda. Jekk immorru f'restaurant kien dejjem igerger li l-ikel hazin u jkollhom jibdluhulu. Kien ihobb jittanta nisa ohra. Qabel xi okkazjoni familjari bhal ma hi l-ikla tal-Milied dejjem kien jaqla' xi glieda. Kien ukoll isuq perikoluz apposta.*

*Illi jiena ddecidejt li ma stajniex inkomplu sejrin hekk u wara li domt naghtih hafna chances, tlaqt lill-konvenut f'Mejju 1996. Jiena bdejt nghix ma' ragel iehor u fil-fatt kellna tarbija fl-4 ta'Awissu 1997.*

*Illi l-konvenut qatt ma ha interess f'din it-tarbija u minkejja li din kienet registrata fuq ismu, jiena kont bdejt proceduri biex il-paternita` tat-tarbija tigi stabbilita u fil-fatt permezz ta' sentenza tal-Prim'Awla tal-Qorti Civili tal-31 ta' Ottubru 2002 (Dokument "RMC 1") kien gie dikjarat illi missier it-tarbija kien il-partner tieghi Anthony Satariano.*

*Illi ahna m'ghamilniex separazzjoni legali. F'Settembru 1996 nehhejt il-Lukanda. Il-kumpanija Roby Productions Limited spiccat falluta u jiena rrizenjajt minn Direttur fl-20 ta' Novembru 2001, izda l-konvenut ghadu sal-gurnata ta' llum jidher bhala Direttur.*

*Illi wara Settembru 1996 il-konvenut mar jghix l-Imriehel u pprova jikri bar. Xi sitt xhur wara kien talabni Lm700 ghall-kera tal-bar u Lm200 ghal-kont tax-xorb ordnat fil-bar u jiena kont tajthomlu biex forsi jibda` jahdem. Hu kien weghedni li jaghtini dawn il-flus lura izda qatt m'ghamel*

*dan. Xi sitt xhur wara rega' talabni Lm700 ghall-iskadenza tal-kirja tal-bar tieghu izda din id-darba jiena ma tajthomlux.*

*Illi jiena tlabt lill-konvenut illi nibdew proceduri tad-divorzju l-Ingilterra u hu kien qabel basta nhallas kollox jien. Giet prezentata petizzjoni ghad-divorzju quddiem il-Colchester County Court fl-20 ta' Mejju 1998, izda meta wasalna lejn l-ahhar hu kien sparixxa u ma ffirmax u ghalhekk il-proceduri waqghu.*

*Illi l-konvenut kien baqa' jghix Malta sa madwar Lulju ta' l-1998. L-unika kuntatt li kien ikollna minn Settembru 1996 sa Lulju 1998 kien biex hu jitlobni l-flus biex ihallas lill-Avukati fuq id-divorzju jew biex jitlobni l-flus ghall-kera tal-flat tieghu jew tal-bar li kellu.*

*Illi wara li l-konvenut mar lura l-Ingilterra kont incempillu ghall-inqas darba fil-gimgha jiena biex nara x'kien qed jigri fuq il-proceduri tad-divorzju izda hu kien traskurat u ma kienx qed ikellem lill-Avukati tieghu. Spiccajt biex cempilt lill-Avukati tieghu u qaluli li kien hemm kont mhux imhallas u ghalhekk l-affarjiet waqfu. Jiena tlabthom jibghatuli l-kont u hallastu jiena, izda meta ergajt cempilt lill-Avukati tieghu ma riedux jaghtuni aktar informazzjoni ghaliex hu kien il-klijent taghhom u mhux jiena.*

*Illi l-oggetti li hallejt l-Ingilterna qabel tlaqt, li kienu jinkludu anke fided li gew ghandi b'wirt minghand ommi, kont tlabt lill-konvenut biex jippakkjahom u jibghathom Malta izda minflok hu qabad u bieghhom.*

*Illi jiena u l-konvenut m'ghandniex propjeta` in komuni izjed, ma nafx hu fejn jghix u ilna ma nikkomnikaw mill-1999.*

*Illi f'Novembnu 2001 Jiena kont qabbadt Avukati Inglizi biex nara nistax nikkonkludi d-divorzju li kien hemm pendenti fl-1998 jew nibda` proceduri godda izda minhabba li ma stajtx insib fejn qed jghix il-konvenut, kelli parir minghandhom illi jkun hemm problema biex nerga' nibda proceduri fl-Ingliterra. L-Avukati Inglizi kienu kitbu fl-*

*indirizz tieghu izda l-ittra kienet giet lura. Qed nannetti ma' dan l-affidavit il-korrispondenza li baghtu l-Avukati Inglizi u din qed tigi mmarkata Dokumenti "RMC 2" sa "RMC 9"."*

## ii) PRINCIPJI LEGALI.

Illi jidher li l-attrici ibbazat it-talba taghha fuq diversi ragunijiet, wahda minnhom abbazi ta' l-**artikolu 19 (1) (a) tal-Kap 255** li jipprovdi li:-

*"jekk il-kunsens ta' xi wahda mill-partijiet ikun inkiseb bi vjolenza, sew fizika sew morali, jew bil-biza"*

Illi dwar l-**artikolu 19(1) (a) tal-Kap 255** din il-Qorti kif presjeduta fis-sentenzi **"Joseph Borg vs Maria Nicolina Cutajar gia` Borg"** (Cit. Nru. 1564/97/RCP deciza fil-21 ta' Ottubru 1999) u **"Nicolai Balzan vs Simone Cremona"** (Cit. Nru. 1019/98/RCP deciza fid-9 ta' Marzu, 2000) diga` kellha okkazjoni tistudja dan is-sub-artikolu ghal dak l-aktar li jirrigwarda biza' u ghalhekk din il-Qorti taghmel referenza ghall-istess sentenzi u ghall-principji hemm enuncjati.

Illi kif inghad fil-kaz **"Carmelo sive Charles Saliba vs Mary Saliba"** ( P.A. (VDG) deciza fl-14 ta' Awissu, 1995):-

*"… … biex pressjoni ndipendentement minn konsiderazzjonijiet ohra, tista` tinvalida l-kunsens matrimonjali, din il-pressjoni trid tammonta ghal vjolenza morali jew biza' esterna ta' natura irrezistibbli, cjoe` trid tkun pressjoni li ddeterminat kompletament l-ghoti ta' dak il-kunsens."*

Illi *inoltre* fis-sentenza **"Anna Magro apparentement mizzewga lil Victor Rizzo vs Victor Rizzo"** (P.A. (SBC) deciza fit-13 ta' Marzu 1984) saret espozizzjoni tal-kuncett ta' vjolenza u biza' f'din il-materja. L-espert f'dik il-kawza

jsostni li sabiex vjolenza morali twassal ghal effett li jinvalida:

*"trid tkun (i) ingusta, (ii) gravi, u (iii) determinanti."*

Illi wkoll, fil-kaz "**Anthony Gatt vs Doreen Gatt"** (P.A. (F.D.) deciza fil-25 ta' Gunju, 1993), l-espert tal-Qorti fisser li:

*"… il-vjolenza morali trid tkun ta' natura tali li tkun invincibbli u ma taghti ebda possibilta` lil min ikun li jisfuggi minnha."*

Illi l-biza` tista` tkun ukoll "*reverenzjali"* bhal per ezempju l-biza` lejn genitur jew superjur. Fil-kaz **"Shirley Anne mart Abdul Fatah xebba Perry vs Dr. A. Mifsud et"** ( P.A. - 22 ta' Novembru,1982, ) il-Qorti spjegat:-

*"Il-biza` ta' nies li huma superjuri jew il-genituri tista' f'certi kazi tkun tali li taffetwa l-kunsens. B'dan mhux qed jigi ntiz, biza` fis-sens ta' suggizzjoni esagerata, imma trid tkun gravissima u ta' certa entita`. L-indinjazzjoni tal-genituri kbira kemm tkun kbira ma ghandhiex tigi konsiderata bhala gravi. Il-biza` li wiehed jitkecca mid-dar jew li jitlef xi wirt, jew li jsofri xi danni finanzjarji mhux bizzejjed. Izda jekk ikun hemm theddid, glied spiss, u minacci serji u gravi, dawn jistghu jaffetwaw il-persuni b'biza` li taqa' taht l-**artikolu 19 (a)**."*

Illi l-attrici tissottometti illi z-zwieg bejnha u bejn il-konvenut ghandu jigi dikjarat null inter alia abbazi ta' l-**artikolu 19 (1) (d) tal-Kap 255** li jghid:

*"(d) jekk il-kunsens ta' xi wahda mill-partijiet ikun vizzjat b'difett serju ta' diskrezzjoni ta' gudizzju fuq il-hajja mizzewga, jew fuq id-drittijiet u d-dmirijiet essenzjali taghha, jew b'anomalija psikologika serja li taghmilha mpossibbli ghal dik il-parti li taqdi l-obbligazzjonijiet essenzjali taz-zwieg".*

Illi dwar dan is-sub-artikolu din il-Qorti kif presjeduta diga' kellha okkazjoni tezaminah, u ghalhekk taghmel referenza

ghas-sentenza **“Joseph Borg vs Maria Nicolina Cutajar gia` Borg”** (Cit. Nru. 1564/97/RCP – deciza fil-21 ta’ Ottubru 1999) u ghall-principji hemm enuncjati.

Illi fis-sentenza **“Kevin Spiteri vs Avukat Dr Renzo Porella Flores et noe”** (Cit. Nru. 2443/97/RCP – deciza 18 ta’ Jannar 2000) il-Qorti ghamlet referenza ghall-espozizzjoni ta’ **Viladrich**:

*"Thus, there is grave lack of discretion of judgement when it is proven that a contracting party lacks intellectual and volitional maturity necessary to discern, in view of binding oneself in an irrevocable manner, the essential rights and duties of marriage, which are the object of mutual surrender and acceptance. The discretion of judgement refers to that degree of maturity of comprehension and of will of the contracting parties which enables them to give and receive each other, through a juridical bond, in a unique community of life and love. This community is indissolubly faithful, ordered to the good of the spouses as well as to the procreation and education of the offspring"* ***(Viladrich, P.J., “Matrimonial Consent in Code of Canon Law Annotated.”*** *(Montreal, 1993), p. 686).*

Illi kwantu ghall-obbligazzjonijiet essenzjali taz-zwieg, din il-Qorti tifhem li, fin-nuqqas ta' definizzjoni jew indikazzjoni fil-**Kap. 255**, dawn l-obbligazzjonijiet essenzjali huma dawk li fis-socjeta` Maltija dejjem u nvarjabbilment gew ritenuti bhala l-obbligazzjonijiet essenzjali taz-zwieg. Dawn huma *"the obligation concerning the conjugal act or carnal union, as bodily union and basis of procreation; the obligation of the community of life and love as an expression of the union between man and woman, mutual well-being, which is inseparable from the provision of an environment conducive to the reception and education of children; and the obligation to receive and bring up children within the context of a conjugal community. It is important to remember that these essential obligations must be mutual, permanent, continuous, exclusive and irrevocable so that there would be incapacity if one of the contracting parties should be, due to a psychological cause, incapable of assuming these obligations with these*

*essential characteristics" (**Viladrich, P.J.,** op.cit., pg. 687).*

Illi wkoll fis-sentenza **"Alexandra sive Sandra Farrugia vs Raymond Farrugia"** (P.A. (VGD) 10 ta' Settembru 1997) inghad wkoll li:

*"Kwantu ghad-difett serju ta' diskrezzjoni ta' gudizzju – **Art. 19 (1) (d)** – biex ikun hemm nuqqas serju ta' diskrezzjoni ta' gudizzju jrid ikun hemm inkapacita' psikika (mhux necessarjament anomalija psikologika fis-sens mediku psikjatriku) jew kostituzzjonali li wiehed jaghraf u jirrifletti, jew li jiddeciedi liberalment, fuq l-oggett tal-kunsens matrimonjali (**"Isabelle Zarb vs Stephen Attard"** – P.A. 21 ta' Novembru 1995). Mhix ghalhekk kwistjoni ta' inkompatibilta' ta' karattru, jew ta' decizjoni jew decizjonijiet zbaljati. Il-paragrafu **(d)** ikompli jitkellem dwar "anomalija psikologika serja li taghmilha mpossibbli ghal dik il-parti li taqdi l-obbligazzjonijiet essenzjali taz-zwieg". Il-Qorti tosserva li l-ligi taghna tirrikjedi mhux biss anomalija psikologika tkun wahda serja, izda li tkun taghmilha mpossibbli mhux sempliciment difficli, li wiehed jaqdi l-obbligazzjonijiet essenzjali taz-zwieg ossia jassumihom".*

Illi ghalhekk b'difett serju ta' diskrezzjoni ta' gudizzju l-legislatur ma riedx ifisser semplicement kwalsiasi stat ta' immaturita` li parti jew ohra fiz-zwieg tista' tkun fiha fil-mument li jinghata l-kunsens reciproku (**"Nicholas Agius vs Rita Agius gia Caruana"** – P.A. (VDG) tal-25 ta' Mejju,1995 ).

Illi li kieku l-legislatur irrikjeda maturita` shiha u perfetta, ftit jew addirittura ebda zwieg ma kien ikun validu. In-nuqqas ta' "discretio judicii" hu kuncett guridiku ntrinsikament marbut mal-kapacita` ta' parti jew ohra fiz-zwieg li taghti l-kunsens liberu u xjenti taghha ghar-rabta taz-zwieg. Kif jispjega l-gurista ***Colagiovanni*** meta sostna li:-

*"Il matrimonio, in quanto patto ossia "foedus" ……… richiede una capacita` intelletuale e volitiva al di sopra di*

*ogni altro contratto che e` per lo meno rescindibile, in casi determinati dalla legge, richiede quindi una integrita` di mente e di liberta`, dato che ……… si tratta di assumersi una "servitus" per tutta la vita"* (**Forum**, *1990, Vol. 1 part I, p. 72).*

Illi pero`, kif gja` nghad, b'immaturita` jew difett serju ta' diskrezzjoni ta' gudizzju d-dottrina u l-gurisprudenza *"non si riferiscono ad una piena e terminale maturita`, non esigono nei nubenti una conoscienza perfetta ed esaustiva di cio` che comporta il matrimonio, non richiedono una preveggenza chiara ed assoluta di cio` che puo compartare la vita coniugale, ne` un perfetto equilibrio volitivo-affettivo, ne` infine una conscienza perfetta delle motivazioni della scelta matrimoniale. Ecco perche` riesce piu` appropriato l' uso del termine discrezione di giudizio, che fa riferimento ad un certo discernimento ma non implica il raggiungimento di una maturita` piena"* **(Pompedda, M.F., "Il Consenso Matrimoniale in Grocholewski" – Pompedda – Zagglia, "Il Matrimonio nel Nuovo Codice di Diritto Canonico"** (Padova, 1984), p. 46).

Illi kif gie affermat diversi drabi minn din il-Qorti, inkluz fis-sentenza **"Alessandra sive Sandra Mc Monagale qabel Mamo vs Mario Mamo"** (P.A. (VDG) 26 ta' Ottubru 2000) ikun hemm id-difett serju ta' diskrezzjoni ta' gudizzju fis-sens ta' l-ewwel parti tal-paragrafu **(d)** imsemmi kemm-il darba jirrizulta li, *"fil-mument ta' l-ghoti tal-kunsens matrimonjali, parti jew ohra tkun priva b'mod sostanzjali, ossia gravi, minn dik il-fakolta` kritiko-estimativa jew kritiko-valutativa dwar l-oggett tal-kunsens taz-zwieg, jew minn dik il-maturita` affettiva li hija presuppost ghal ghazla libera dwar l-imsemmi oggett. Id-difett serju ta' diskrezzjoni ta' gudizzju, ghalhekk, ma hux sempliciment nuqqas ta' hsieb, nuqqas ta' riflessjoni; anqas ma jfisser li wiehed jaghmel ghazliet jew jiehu decizjonijiet zbaljati – in fatti decizjoni jew ghazla zbaljata hi perfettament kompatibbli ma' diskrezzjoni ta' gudizzju" (ara,* ***"Emanuel Camilleri vs Carmen Camilleri"****, P.A., 10 ta' Novembru 1995).*

Illi l-istess sentenza tkompli tghid *"Li parti fiz-zwieg ma tkunx fehmet sufficjentement, fis-sens li ma tkunx hasbet bizzejjed jew ma tkunx irriflettiet bizzejjed fuq il-hajja mizzewga jew fuq id-drittijiet u d-dmirijiet essenzjali tal-hajja mizzewga, ma jammontax necessarjament ghal difett (serju) ta' diskrezzjoni ta' gudizzju (**"Selina-Maria Vella Haber vs Joseph Gatt"**, P.A., 15 ta' April 1996)".*

Illi ghalhekk biex ikun hemm in-nuqqas jew difett serju ta' diskrezzjoni ta' gudizzju kif ravvizat fl-**artikolu 19 (1) (d)** irid ikun hemm l-inkapacita` psikika (mhux necessarjament anomalija psikologika fis-sens mediku / psikjatriku) jew kostituzzjonali li wiehed jaghraf u jirrifletti, u li jiddeciedi liberament, fuq l-oggett tal-kunsens matrimonjali (ara f'dan is-sens, fost ohrajn, **"Jacqueline Cousin vs Bernard Simler"**, P.A., 3 ta' Gunju 1998; **"Roseanne Cassar vs Kenneth Cassar",** P.A. 19 ta' Ottubru 1998; u **"Carmelo Grima vs Mary Andrews"**, P.A., 2 ta' Novembru 1998).

Illi proprju ghalhekk ukoll il-legislatur jirrikjedi li d-difett ta' diskrezzjoni jrid ikun wiehed serju u l-anomalija psikologika tkun wahda serja.

Illi kif jispjega ***Bersini***, id-diskrezzjoni ta' gudizzju tikkonsisti f'zewg elementi distinti izda konkorrenti u interdipendenti:-

*"La piena avvertenza e il deliberato consenso … … … La piena avvertenza si riferisce alla sfera intellettiva, il deliberato consenso a quella volitiva. In altri termini, la discrezione di giudizio comprende la maturita` di giudizio e la maturita` affettiva … … … La maturita` di giudizio comporta una conoscenza critica proporzionata all' atto da compiere, agli obblighi essenziali da assumersi e ai doveri coniugali che ne derivano proiettati nel futuro. La maturita` affettiva comporta generalmente quella adequata evoluzione degli istinti, degli affetti, dei sentimenti, della emotivita` che se sono turbati o inadeguati intaccano direttamente la volonta` e possono privare della libera scelta interiore. Abbiamo cosi` una mancanza di consenso libero (immaturita` affettiva) e*

*ponderato (immaturita` di giudizio)"* **(Bersini, F., "Il Diritto Canonico Matrimoniale."** *(Torino, 1994), p. 97).*

Illi l-istess awtur, imbaghad ikompli jispjega dwar kemm irid ikun serju d-difett ta' diskrezzjoni biex wiehed ikun jista' jghid li hemm id-difett fil-kunsens u l-konsegwenti nullita` taz-zwieg:-

*"Se ci si chiede quale grado di discrezione di giudizio possa ritenersi proporzionato al matrimonio, rispondiamo anzitutto che, sia per la conoscenza intellettiva come per la deliberazione volitiva, dovra' essere maggiore di quello richiesto per peccare mortalmente e per stipulare gli altri contratti. Il motivo sta nel fatto che il consenso matrimoniale riguarda obbligazioni che si proiettano nel futuro ed e` ordinato all' assunzione di uno stato di vita che incide su tutta l' esistenza con un contratto perpetuo e irrescendibile che comporta una serie di gravi obblighi ad esso inerenti. Per dare un valido consenso, non e` sufficiente il grado di ragione col quale speculativamente uno sappia che cosa e` il matrimonio; e` necessaria la maturita` di giudizio capace di ponderare in concreto i doveri e i diritti che uno deve assumersi per tutta la vita. In altri termini, e` necessaria la discrezione non tanto per l' atto in se, al momento di emettere il consenso, quanto per gli impegni che da quell' atto derivano. Una discrezione che impegni per il futuro. Ovviamente si richiede una ponderazione degli impegni sostanziali del matrimonio e non di tutto il suo valore etico, religioso, sociale, giuridico ed economico, altrimenti ben pochi sarebbero in grado di emettere un valido consenso. Ogni volta che i contraenti abbiano raggiunto l' eta prescritta dal legislatore per poter contrarre matrimonio, si presume che essi siano in possesso della debita discrezione di giudizio; tale presunzione, tuttavia, ammette prove in contrario. Pertanto, qualora si possa dimostrate, per qualsiasi motivo, la capacita` intellettiva e volitiva sopra descritta sia gravamente alterata o addirittura mancante, si dovra` ritenere che il vincolo matrimoniale sia nullo per difetto di discrezione di giudizio" (ibid. pp. 97-98).*

Illi hawnhekk il-Qorti, pero`, tixtieq tippreciza li ghazla libera, kunsens hieles, ghar-rabta taz-zwieg mhux sinonimu mal-kuncett ta' ghazla facli, u dan kif gja` gie ndikat fis-sentenzi fuq kwotati, tant li nghad li:-

*"… … ... se il sogetto non e` in grado di superare [i] condizionamenti interiori, allora si dira` che la scelta di lui non e` stata libera; lo sara` invece qualora pur pressato da tali impulsi provenienti dal proprio psichismo, da un' affettivita` non sufficientemente matura o anomala, e quindi anche di fronte a conflitti interiori, sara` stato capace di superarli, di dominarli razionalmente, di scegliere con autonomia ... ... ... In ogni caso, i nubenti debbono aver coscienza di assumere vere obbligazioni (e reciprocamente di concedere veri diritti) di creare cioe` col matrimonio un patto che vincola a un comportamento idoneo e adeguato alla specifica societa` coniugale, sia nei rigwardi dell' altra parte sia nei riguardi della prole" (**Pompedda, M.F., "Incapacita` di Natura Psichica in Matrimonio Canonico: Fra Tradizione e Rinnovamento."** (Bologna, 1991), pp. 231, 233).*

Illi kwantu ghad-difett fil-kunsens dovut ghall-anomalija psikologika serja li taghmilha mpossibbli ghal dik il-parti li taqdi l-obbligazzjonijiet essenzjali taz-zwieg, il-ligi taghna, bhad-dritt kanoniku **{Can. 1095 (3)}** tirrikjedi mhux semplici diffikulta` izda mpossibilita` li wiehed jaqdi ossia jassumi l-obbligazzjonijiet essenzjali taz-zwieg. Inkapacita` jew impossibilita` vera f'dan il-kuntest hi ipotizzabbli biss fil-prezenza ta' anomalija psikologika serja li, independentement minn kif wiehed jaghzel li jiddefiniha jew jiklassifikaha fil-kamp tal-psikjatrija jew tal-psikologija, tintakka sostanzjalment il-kapacita` *"di intendere e/o di volere". "L' incapacita` di assumere gli oneri essenziali della vita coniugale"*, *jghid il-**Bersini***, *"rende la persona inabile al matrimonio, anche nell' ipotesi … … … che al momento di contrarre le nozze abbia avuto la discrezione di giudizio sufficiente per un valido consenso" (op. cit.,* p. 99).

Illi ghal dak li jirrigwarda l-obbligazzjonijiet essenzjali taz-zwieg, din il-Qorti tifhem li, fin-nuqqas ta' definizzjoni jew

indikazzjoni fil-**Kap. 255**, dawn l-obbligazzjonijiet essenzjali huma dawk li fis-socjeta` Maltija dejjem u nvarjabilment gew ritenuti bhala l-obbligazzjonijiet essenzjali taz-zwieg.

Illi dawn huma *"the obligation concerning the conjugal act or carnal union, as bodily union and basis of procreation; the obligation of the community of life and love as an expression of the union between man and woman, mutual well-being, which is inseparable from the provision of an environment conducive to the reception and education of children; and the obligation to receive and bring up children within the context of a conjugal community. It is important to remember that these essential obligations must be mutual, permanent, continuous, exclusive and irrevocable so that there would be incapacity if one of the contracting parties should be, due to a psychological cause, incapable of assuming these obligations with these essential characteristics" (**Viladrich, P.J**., op. cit., p. 687).*

Illi ta' l-istess portata huma s-sentenzi **"Anthony Gaffiero vs Juanita Gaffiero nee' Sultana"** (P.A. (VDG) 17 ta' Novembru 2000 u **"Anna Galea vs John Walsh",** (P.A. (VDG) tat-30 ta' Marzu 1995). Inerenti, ghalhekk, f'dawn l-obbligazzjonijiet hemm l-obbligu tal-partijiet li jaghtu lilhom infushom lil xulxin fit-totalita` taghhom sabiex tigi stabbilita bejniethom *"the community of life and love".*

Illi fl-ahharnett din il-Qorti taghmel riferenza ghal dak li nghad fis-sentenza fl-ismijiet **"Nathalie O'Toole vs Patrick O'Toole"** (P.A. (N.A.) 25 ta' Marzu 2002) fejn inghad li:-

*"l-kunsens moghti fiz-zwieg skond din l-istess gurisprudenza mhuwiex dak il-kunsens semplici rikjest fil-kuntratt in generali ghaliex il-kuntratt taz-zwieg huwa wiehed "sui generis" u ta' ordni pubbliku. Illi ghalhekk il-partijiet f'kuntratt ta' zwieg mhux biss irid ikollhom il-kapacita' li jaghtu dak il-kunsens, izda li l-istess irid jigi moghti bl-iktar mod liberu u xjenti ghal dak kollu li tirrikjedi r-rabta taz-zwieg. Il-kuntratt taz-zwieg ghandu jigi apprezzat mhux biss bl-ghajnejn oggettivi tal-ligi, izda jrid*

*isib is-sinifikat tieghu fir-relazzjonijiet ta' koppja u l-iskop ahhari taz-zwieg, cjoe' li tnejn minn nies jaghtu lilhom nfushom lil xulxin ad eskluzjoni ta' kollox u kulhadd. Meta ghalhekk ghal xi raguni jew ohra dak il-kunsens ma jkunx gie moghti bil-konoxxenza shiha ta' dak li jgib mieghu z-zwieg, allura jinholoq dubju kemm dak il-kuntratt matrimonjali huwa wiehed validu."*

Illi kif inghad fis-sentenza **"Al Chahid vs Mary Spiteri"** (P.A. (RCP) 5 ta' Gunju 2002) *inoltre* l-kunsens irid ikun wiehed tali li permezz tieghu l-parti li tesprimih trid tkun konxja ta' l-obbligi, id-dmirijiet u r-responsabbiltajiet li ggib maghha l-hajja mizzewga bhal ma huma l-elementi ta' unjoni permanenti, esklussiva w irrevokabbli.

Illi dawn il-principji kollha gew kkonfermati f'diversi sentenzi moghtija minn din il-Qorti nkluzi **"Maria Rita Calleja Vs Mohamed Ben Mohamed Khemiri"** (P.A. (RCP) 17 ta' Frar 2000); **"Nicolai Balzan vs Simone Cremona"** (P.A. (RCP) 9 ta' Marzu 2000); **"Ousama Sadalah vs Doris Tanti"** (P.A. (RCP) 4 ta' April 2000); **"Josephine Gabriel vs Dr. Georg Sapiano et nomine"** (P.A. (RCP) 8 ta' Novembru 2000); **"Josette Lungaro mart Jesmond Lauro vs Jesmond Lauro"** (P.A. (RCP) l-1 ta' Frar 2001); **"Mazen Dadouch vs Maria Dadouch xebba Galea"** (P.A. (RCP) 22 ta' Marzu 2002); **"Albert Grech vs Josette Grech"** (P.A. (RCP) 30 ta' April 2002); **"Marco Tanti vs Catherine Azzopardi"** (P.A. (RCP) 30 ta' Mejju 2002); u **"Giulio Farrugia vs Raquel Anne Farrugia"** (P.A. (RCP) 29 ta' Mejju 2002) fost ohrajn.

Illi min-naha l-ohra fl-**artikolu 19 (1) (f)** jinghad ukoll li z-zwieg ikun null:-

*"jekk il-kunsens ta' xi wahda mill-partijiet ikun inkiseb bl-eskluzjoni pozittiva taz-zwieg innifsu jew ta' xi wiehed jew aktar mill-elementi essenzjali tal-hajja mizzewga, jew tad-dritt ghall-att taz-zwieg".*

Illi dan is-sub-artikolu wkoll gie diskuss u ezaminat fis-sentenza **"Nicolai Balzan vs Simone Cremona"** minn din il-Qorti kif presjeduta (Cit. Nru. 1019/98/RCP – deciza

fid-9 ta’ Marzu 2000) u **“Mark Spiteri vs Susan Margaret Spiteri”** (P.A. (RCP) 27 ta’ Frar 2001) u a skans ta’ ripetizzjoni qed issir referenza ghall-principji hemm enuncjati. Illi inoltre fis-sentenza **“Theresa Taguri nee Spiteri vs Avukat Christopher Cilia et noe”** (Cit. Nru. 3130/96/NA – deciza P.A. (NA) fl-10 ta’ Novembru 1999) gie ritenut illi:-

*“Fl-interpretazzjoni ta’ dan is-sub-inciz gie ritenut mill-Qorti taghna illi l-eskluzjoni pozittiva ma kellhiex necessarjament tirrizulta biss minn xi haga espressa direttament izda setghet tigi espressa bl-imgieba ta’ xi parti fil-perjodu immedjatament qabel u wara li jkun inkiseb l-istess kunsens”.*

Illi ta’ l-istess portata hija s-sentenza **“Josette Lungaro mart Jesmond Lauro vs Jesmond Lauro”** (P.A. (RCP) l-1 ta’ Frar 2001); **“Joseph Gabriel vs Dr. Georg Sapiano nomine”** (P.A. (RCP) 8 ta’ Novembru 2000); **“Carmen El Shimi gja` Tanti vs Ibrahim Mohamed Mohamed Ibrahim El Shimi”** (P.A. (NA) 20 ta’ Gunju 2000); **“Mary Rose Abder Rahim vs Esam Abder Rahim”** (P.A. (NA) 31 ta’ Mejju 2000); **“Ousama William Hfez Sadallah vs Doris Dalli”** (P.A. (RCP) 4 ta’ April 2000) u **“Albert Grech vs Josette Grech”** (P.A. (RCP) 30 ta’ April 2002 Cit. Nru. 793/01/RCP).

**(iii) APPREZZAMENT TAL-PROVI.**

Illi mill-provi prodotti jirrizulta bla ebda dubju kwalunkwe li l-attrici zzewgt lill-konvenut biss ghar-ragunijiet ta’ konvenjenza sabiex hija tkun tista’ tibqa’ tghix mal-konvenut gol-Ingilterra, ghaliex hija ma setghetx tibqa’ izjed tghix fl-istess post u dan permanentament dment li ma tizzewwigx lill-istess. Dan johrog car mid-depozizzjoni ta’ l-istess attrici u jidher li hija kienet kontra l-istess proposta mill-ewwel izda sforz ic-cirkostanzi hija hasset li kellha taccetta din il-proposta li f’dak iz-zmien kienet

tivvantagga lill-konvenut wkoll ghaliex kellu bzonnha f'dak il-pajjiz.

Illi minn dan u kif ukoll minn kif zviluppaw l-affarijiet jidher car li ma kien hemm ebda preparazzjoni *da parte* tal-partijiet ghall istituzzjoni u r-rabta taz-zwieg, u certament jidher li l-istess partijiet kienu hafna l-boghod minn dawk l-elementi necessarji fil-kunsens tal-konjugi li jwasslu ghal celebrazzjoni ta' zwieg validu. Anzi jidher li dak li l-partijiet harsu lejh kien biss dak li kien konvenjenti ghat-tnejn, anke bl-eskluzjoni ta' elementi essenzjali taz-zwieg bhal prokreazzjoni ta' l-ulied tant li l-istess konvenut kien opera ruhhu sabiex ma jkollux tfal izjed u l-prokreazzjoni ta' l-ulied gie estromessa minn din l-unjoni bil-kompjaciment taz-zewg partijiet.

Illi allura din il-Qorti thoss li fl-ewwel lok dan iz-zwieg ghandu jigi ddikjarat null u bla effett skond id-dispozizzjonijiet ta' l-**artikolu 19 (1) (f) tal-Kap 255 tal-Ligijiet ta' Malta** peress li kemm l-attrici u l-konvenut dahlu ghal dan iz-zwieg ghaliex kien konvenjenti ghalihom sabiex l-attrici tkun tista' tghix mal-konvenut fl-Ingilterra, u fit-tieni lok *stante* li l-partijiet a xelta taghhom eskludew *a priori* l-prokreazzjoni ta' l-ulied mill-istess unjoni, u dan jwassal ghan-nullita' taz-zwieg abbazi wkoll ta' l-**artikolu 19 (1) (f) tal-Kap 255.**

Illi jinghad ukoll li din l-Qorti thoss li z-zwieg ghandu jigi annullat ukoll minhabba difett ta' diskrezzjoni *da parte* ta' l-attrici *stante* li *nonostante* l-fatt li l-attrici ma riditx li tintrabat mal-konvenut fiz-zwieg, hija hija uriet l-oppozizzjoni taghha mal-konvenut dwar l-istess hija xorta wahda accettat li taghmel dan il-pass, hija qalet ghaliex l-konvenut ghamel l-arrangamenti kollha, inkluz ta' l-inkartamenti relattivi, pero' certament li din ma hijiex raguni valida li wiehed jersaq u jaghmel dan il-pass, li mehud fil-kuntest tieghu u proprju jwassal ghall-kambjament totali fil-hajja ta' bniedem jew bniedma. Dan juri li l-attrici kienet fi stat li ma setghatx tiddeciedi ghaliha nnfisha, u kienet influwenzata bic-cirkostanzi li kienet ghaddejja minnhom flimkien mal-konvenut, u b'hekk kienet fi stat vulnerabbli, li ma kenitx f'pozizzjoni li taghmel

decizjoni ta’ dik in-natura b’dan li l-kunsens taghha kien vizzjat b’difett serju ta’ gudizzju fuq il-hajja mizzewga; dan il-pass mhux kemm taqbad u tmur ghal cerimonja u jehtieg riflessjoni sobrija u serja dwar il-konsegwenzi kollha, haga li l-attrici assolutament ma ghamlitx.

Illi dwar l-aggravju abbazi ta’ l-**artikolu 19 (1) (a) tal-Kap 255** ma jirrizultax li l-attrici tpoggiet fi pressjoni tali li tissodisfa l-kap tal-ligi u ghalhekk din il-lamentela qed tigi rigettata.

Illi ghalhekk abbazi tal-premess it-talbiet attrici ghandhom jigu milqugha abbazi ta’ l-**artikolu 19 (1) (d) u (f) tal-Kap 255 tal-Ligijiet ta’ Malta** ghar-ragunijiet imputtabbli liz-zewg partijiet.

## III. KONKLUZJONI.

Illi ghalhekk ghall dawn il-motivi, din il-Qorti **taqta’ u tiddeciedi,** billi filwaqt li tichad l-eccezzjonijiet tal-kuraturi deputati in kwantu l-istess huma inkompattibbli jew kontrastanti ghal dak deciz, **tilqa’ t-talbiet attrici** b’dan li:-

(1) Tiddikjara u tiddeciedi illi z-zwieg kuntrattat bejn il-kontendenti fit-22 ta’ Settembru 1998 fir-Register Office tad-distrett ta’ Colchester fil-konteja ta’ Essex tar-Renju Unit huwa null u bla effett legali u dan *ai termini* ta’ l-**artikolu 19 (1) (d) u (f) tal-Kap 255 tal-Ligijiet ta’ Malta** ghar-ragunijiet imputabbli liz-zewg partijiet kif fuq deciz;

(2) Konsegwentement tordna li din in-nullita` tinghata effett ghall-finijiet kollha tal-ligi f’Malta.

Bl-ispejjez kollha jinqasmu bin-nofs bejn il-partijiet b’dan li l-kuraturi deputati ghandhom jithallsu skond il-ligi.

**Moqrija.**

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------